MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 526/2002

**Focal Maritime Services Company Limited**

**Vs**

**J.M. Supplies Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn sitt mija u zewg liri u hamsa u tletin centezmu (Lm2,602.35) dovuta lis-socjeta attrici mis-socjeta konvenuta bhala "frieght charges' ghal dawn l-ahhar xhur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tas-sekwestru kawtelatorju nru 1904/02 u tal-mandat ta' qbid numru 1905/02, u bl-imghax relattivi kontra s-socjeta J.M. Supplies Co. Ltd li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat n-nota ta' eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Ili preliminarjament ai fini ta' l-integrita tal-gudizzju, isem is-socjeta' konvenuta huwa 'J.M. Supplies Company Limited' u mhux dak indikat mis-socjeta' attrici fl-avviz de quo'.

2. Illi fil-meritu, t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u f'kwalunkwe kaz eccessiv, stante li semmai s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma trivjali ta' Lm32.39 kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza li, kuntrarjament ghal dak indikat fl-avviz, infethet mis-socjeta' attrici kontriha, f'mument meta l-istess socjeta' attrici kienet ben konsapevoli tal-fatt illi l-ammont mitlub ma kienx dovut minnha.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha moghti fit-8 ta' Ottubru 2002 (fol 11 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mill-istess atti, l-provi prodotti mis-socjeta attrici huma kif ser jinghad:-

a) Ix-xhieda ta' <u>Judith Cilia</u> (fol 13 u fol 18 et seq ibid). Din, bhala l-kontrollur finanzjarju tas-socjeta' attrici li, taht gurament ikkonfermat li s-somma specifikata fl-avviz kienet ghadha dovuta lis-socjeta attrici minn dik konvenuta, li kienet ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji. L-istess somma kienet dovuta in konnessjoni ma 'freight charges'. L-istess xhud esebiet <u>rendikont</u> tal-istess

ammont dovut li jirreferi ghal perjodu ta’ zmien li jmur minn Mejju sa Awissu 2002 (ara fol 15 u 16 tal-atti kif ukoll fol 22 sa fol 25 ibid). In rigward l-istess rendikont jidher li wiehed minnhom jirreferi ghal socjeta kummercjali bl-isem ta’ ‘B. Techno Ltd’. Difatti, kif semmiet l-istess xhud, fil-bidu n-negozjati relattivi ghall-ammont dovut in konnessjoni mal-‘freight charges’ imsemmija kienu saru ma’ din is-socjeta. Pero, sussegwentement, permezz ta’ ittra li ggib id-data ta-28 ta’ Gunju 2002 u li tinsab esebita a fol 27 tal-istess atti, is-socjeta attrici kienet giet infurmata illi ‘….. as from 30th June 2002, B. Techno (Imp & Exp) Ltd will be amalgamated with it’s sister company J.M. Supplies Co. Ltd’ u ‘After this date i.e. 30th June 2002, you are kindly being requested to issue all invoices and send all correspondence to the attention of J.M. Supplies Co. Ltd ………’. Fil-fehma tal-Qorti, dak sottolineat minnha stess hu car fis-sens li wara d-data msemmija, is-socjeta konvenuta kienet qed tassumi r-responsabilta’, kemm legali kemm, fil-fatt, in rigward il-hlas tad-debiti kollha tas-socjeta B. Techno (Imp & Exp) Ltd. Konsegwentement , l-ammont specifikat fl-avviz ghandu jithallas, kollu kemm hu, mill-istess socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-eccezzjonijiet in esami, li l-ewwel wahda giet sorvolata u sanata permezz tad-digriet hawn fuq imsemmi moghti fit-8 ta’ Ottubru 2002 (ara fol 11 ibid).

Illi, dwar it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, kif jidher mill-atti, bl-ebda mod ma sar xi tentattiv sabiex tingieb, a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, xi hjiel jew minimu ta’ prova in sostenn tal-istess u dwar dan jkun opportun li ssir referenza ghal dak li jinghad testwalment, fit-tieni eccezzjoni cjoe ‘…. Kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan minghajr il-htiega ta’ xi kumment ulterjuri da parti tal-istess Qorti.

Ikkunsidrat

Illi pero' jidher li l-istess socjeta konvenuta kienet ghamlet pagament akkont ta Lm313.42 fl-10 ta' Settembru 2002 (ara fol 20 u fol 24 tal-istess atti) u b'hekk l-ammont mitlub ghandu jigi, hekk ridott.

Ikkunsidrat

Illi, jidher mill-premess, li dak mitlub mis-socjeta attrici kif hemm fuq ridott ghandu jigi akkolt, waqt li jinghad li ma jkunx telf ta' zmien li wiehed jaqra u jikkonsidra d-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici a fol 32 sa fol 36 tal-istess atti in konnessjoni ma 'Lifting the Veil" in rigward 'Holding and Subsidiary Companies' specjalment in rigward meta '….. corporate personality is being blatantly used as a cloak for fraud or improper conduct' u meta '….. principally but not exclusively, in the interests of the company's creditors, where there is a group of interconnected companies which it is thought should be treated as one".

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici, s-somma ta' Lm2288.93,0 bl-imghax legali mill-4 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' sekwestru numru 1904/02 u ta' qbid numru 1905/02.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------